# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Regolament 8(a)(b), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Norbert Ciappara**
**Spettur Nicholas Ciappara**
**V**

**SIMON BONETT**

**Seduta ta' llum, 7 ta' Awissu, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SIMON BONETT** ta’ tletin sena, bin Joseph u Marion nee Cauchi, imwieled l-Pieta nhar l-erbatax ta' Jannar, 1969 u joqghod Block 2, Flat 3, Triq Censu Xerri, Sliema, detentur tal-karta tal-identita numru 42769M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-erbgha ta' Settembru, 1999 u matul dawn l-ahhar sentejn qabel din d-data;

a. Biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza;

b. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza, liema droga instabet f'tali cirkostranzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv jew personali tieghu; u

c. talli kkommetta dawn r-reati f'post, fi jew gewwa centru u/jew f'distanza ta' mitt meteru mill-parametri ta' post fejn jiltaqghu z-zaghzagh.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta mobboli kollha li jkunu dovuti lil jew jkunu jmissu lil akkuzat jew huma proprjeta tieghu, kif wkoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lil akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta mobbli jew immobbli.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex apparti milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu

mal-hatra tal-esperti nominati skond l-alrtikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kontr'ordni mibghut mill-Avukat Generali fl-ghoxrin ta' Novembru, 2000 esibit a fol 358 tal-atti processwali.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jammetti l-akkuzi kif addebitati lilu kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tat-tmintax ta' Lulju, 2002.

Semghet lil Avukat Difensur jittratta fuq il-piena b'mod partikolari li din il-Qorti ghandha tapplika l-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex l-imputat kixef s-sors ta' minn fejn jottjeni d-droga meta xehed bil-gurament f'dawn il-proceduri u fi proceduri ohra dwar dan il-kxif u b'hekk ghen lil Prosekuzzjoni.

Illi huwa sostna li in oltre l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni u fil-fatt anke r-rapport tal-Probation Officer kien wiehed rakkomandabbli favur l-imputat.

Illi l-Prosekuzzjoni vverbalizzat li taqbel mad-Difiza dwar t-trattazzjoni li ghamlet fuq il-piena.

Illi l-Avukat Difensur hass li dan ghandu jkun kaz ta' *plea bargaining* u flimkien mal-Prosekuzzjoni ssuggerixxa li l-imputat ghandu jinghata prigunerija ta' disgha xhur.

Illi l-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal artikolu 392A introdott bl-Att III tas-sena 2002 li gie rez operattiv b'effett mill-ewwel ta' Mejju, 2002 bl-Att 94 tas-sena 2002.

Illi dan l-artikolu jintroduci *plea bargaining* quddiem il-Qorti tal-Magistrati meta l-imputat jammetti akkuzi fi stadju bikri tal-proceduri u cioe mal-presentata u ghalhekk tali disposizzjoni ma tapplikax ghal kaz in ezami.

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha x-xhieda li nghatat u ma hemmx dubbju li l-imputat ghandu jinstab hati ta' traffikar u pussess ta' droga Cannabis u raza.

Ezaminata r-relazzjoni tal-ispizjar Mario Mifsud esibita fl-atti a fol 65 markata bhala dokument MM u minn ezami tal-istess, jirrizulta

li l-ammont ta' raza tal-pjanta tal-Cannabis misjuba fil-fond tal-imputat kien ammont konsiderevoli u cioe nett totali ta' 75.108 grammi, liema fond, skond r-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri, espert nominat mill-Qorti, li tinsab esibita bhala dokument VS a fol 224 tal-atti, jinsab f'distanza ta' cirka mitt metru mill-parametri ta' post fejn jiltaqghu z-zaghzagh.

Ezamintat wkoll l-pre sentencing report tal-Probation Officer Marietta Lanzon minn fejn jirrizulta li l-imputat xejn ma kellu trobbija felici, li l-genituri tieghu kienu sseparaw minn xulxin xi sittax il-sena ilu, li l-imputat baqa jghix ma missieru waqt li hutu z-zghar marru jghixu ma ommu, li l-genituri tieghu dejjem kien jiggieldu u l-imputat jghid li qatt ma jiftakar paci d-dar u ghalhekk hu tghallem jfendi ghal rasu minn mindu kien ghadu zghir sa min nmindu kellu erbatax il-sena u cioe mill-firda tal-genituri tieghu minn xulxin. Jirrizulta li huwa beda jpejjep il-haxixa ta' sbatax il-sena u ma kellu hadd minn jindukrah. Missier l-imputat llum jghix l-Mosta ma mara ohra u minn din r-relazzjoni ghandu wkoll tifel.

Illi pero fil-present l-imputat jinsab f'relazzjoni stabbli tant li ilu sebgha snin.

Il-Probation Officer Marietta Lanzon xehdet nhar l-ghaxra ta' Dicembru, 2001 fejn stqarret li l-imputat jbati minn anzjeta kbira u li kien ilu jabbuza mid-droga Cannabis ghal zmien twil. L-imputat jinsab taht l-kura tal-Psikjatra Joseph Spiteri minhabba d-depressjoni li jbati minnha.

Illi ghalhekk mill-kwadru fuq imfassal, l-Qorti hija tal-fehma li m'ghandhix tkun severa hafna fl-applikazzjoni tal-piena, molto piu meta tqis s-segwenti fatturi u cioe :

1. Il-ko-operazzjoni w l-kollobarazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni,
2. L-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi kollha,
3. Il-kxif tas-sors ta' minn fejn ottjena d-droga w d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li tali informazzjoni ghenitha fl-investigazzjoni u proceduri ohra in konnessjoni ma terzi, li juru bhala fatt li l-imputat iddikjara li ried jipprevalixxi ruhu mill-artikolu 29 tal-Kap 101 fis-seduta tad-disgha w ghoxrin ta' Settembru, 1999, tlett gimghat biss wara li tressaq il-Qorti,
4. It-trobbija w l-passat infelici tieghu;
5. Il-fedina penali tieghu li ma hiex daqstant reflattarja fejn inghata probation ai termini tal-artiklou 9 tal-Kap 152, u

6. In-nuqqas ta' supervizzjoni adegwata li kellu l-imputat anke meta qabad t-triq tal-kriminalita, stante li qatt ma kellu probation officer biex jiggwidah.

Illi l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 8(a)(b), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat SIMON BONETT b'mod komplessiv ghal akkuzi kollha li sabitu hati taghhom ghal prejodu ta' prigunerija ta' disgha xhur, mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz.**

**In oltre il-Qorti qed tikkundanna lil imputat jhallas multa ta' mitejn u hamsin lira maltin, liema multa bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin, fi zmien hames xhur mill-lum.**

**In oltre tordna ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-imputat jitpogga taht ordni ta' probation**

**tal-Probation Officer Marietta Lanzon ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum.**

**L-imputat probationer ghandu jsegwi l-kundizzjonijiet u l-ordnijiet moghtija lilu mill-Probation Officer Marietta Lanzon li ghandha tirrelata dwar l-andament tal-imputat probationer kull sitt xhur lil din l-Qorti.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkonfiska l-beni mobbli w immobbli tal-imputat** jirrizulta minn ezami tar-relazzjoni tal-espert nominat mill-Qorti Dottor Vincent Galea markata bhala dokument VG esibita fl-atti a fol 268 li l-imputat ghandu l-beni segwenti:

a. kont bin-numru 067009843 fil-fergha tal-Mid Med Bank ta' High Street, Sliema fl-ammont ta' elf lira maltin li ghalaq fl-erbatax ta' Dicembru, 2000;

b. kont bin-numru 064188577 mal-Mid Med Bank wkoll f'High Street, Siema, li fih bilanc ta' wiehed u ghoxrin lira maltin u hames centezmi;

c. huwa sid ta' vettura bin-numru tal-ghamla Ford Escort, ta' registrazzjoni CAT 303 registrata f'ismu.;

Il-Qorti rat ghalhekk li l-imputat bhala proprjeta mobbli ghandu *di minimis* u stante c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, partikolarment li l-imputat huwa bniedem li jbati minn depressjoni, li kellu trobbija xejn felici, li kkopera bis-shih mal-Prosekuzjoni, u minhabba li din il-Qorti skattat d-disposizzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101, ser tvarja l-ordni maghmula minnha ai termini tal-artikolu 22A(1)(b)(a) fil-bidu tal-proceduri u cioe bid-digriet taghha tas-sitta ta' Settembru, 1999 billi **ma hiex ser tordna l-konfiska tal-beni tal-imputat favur il-Gvern ta' Malta.**

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi konnessi mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat li l-unici esperti nominati wara l-presentata kienu Dottor Vincent Galea b'digriet tas-sitta ta' Settembru, 1999 sabiex jaghmel r-recinti necessarji dwar l-assi tal-imputat u l-Perit Valerio Schembri sabiex ikejjel d-distanza ta' fejn gie kommess l-allegat reat biex jigi stabbilit jekk dan jinstabx f'distanza ta' mitt metru mill-parametri ta' post fejn jiltaqghu z-zaghzagh.

Illi dawn z-zewg relazzjoni gew ppresentati l-Qorti u cioe dik tal-Perit Valerio Schembri nhar l-hdax ta' Frar, 2002 fejn l-ispejjes involuti f'din r-relazzjoni kienu jammontaw ghal mitt lira maltin u hames centezmi, filwaqt li r-relazzjoni ta' Dottor Vincent Galea giet ppresentata l-Qorti nhar t-tnejn ta' Novembru, 2000 fejn l-ispejjes involuti kienu jammontaw ghal mitejn hamsa w disghin lira maltin u tnejn u tletin centezmu.

**Ghalhekk il-Qorti tordna lil imputat sabiex jhallas s-somma ta' tlett mija hamsa w disghin lira maltin u sebgha w tletin centezmu lir-Registratur tal-Qorti fi zmien tlett xhur minn meta jigi hekk interpellat minnu.**

Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lil istess Probation Officer Marietta Lanzon.

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

Illum, 7 ta' Awissu, 2002